# Monsinjur Innoċenz Borg

James Aquilina B.Com

**Mons. Innoċenz Borg din is-sena jagħlaq 60 sena saċerdot u 50 sena minn meta nħatar Kappillan tal-Parroċċa tagħna. Din is-sena wkoll Mons. Borg ingħata Ġieħ Ħal Luqa mill-Kunsill Lokali bħala apprezzament tax-xogħol siewi li wettaq fir-raħal tagħna.**

**Ħassejna li aħna wkoll kellna nfakkru dan l-avveniment. Ħajr lil Mons. Borg li laqa' l-istedina tagħna biex nagħmlulu intervista personali ġewwa r-residenza privata tiegħu.**



Monsinjur Innoċenz Borg, iben Ġużeppi Borg u Filomena Camilleri, twieled ġewwa r-Rabat ta' l-Imdina fis-16 ta' Diċembru ta' l-1921. Fil-familja kienu erba' subien u tifla; Salvu, Innoċenz, Karmenu, Agatha u Lorenzo. Meta kellu seba' snin, il-familja Borg ġew joqogħdu f'Ħal Luqa. Fil-fatt, il-Monsinjur jiftakar ir-raħal totalment differenti minn dak li hu llum. Huwa għadu jiftakar sew it-toroq dojoq u t-tfal jilagħbu fil-pjazza peress li trafiku ma kienx jeżisti.

L-ewwel edukazzjoni tiegħu ħadha ġewwa l-iskola primarja taż-Żurrieq fejn minn hemm għamel l-eżami għall-Liceo. L-ewwel tliet snin tal-Liċeo għamilhom fil-Ħamrun, filwaqt li l-aħħar snin komplihom fil-Belt Valletta. Fl-1939, huwa beda jistudja ġewwa l-Università ta' Malta fejn ġab Baċellerat fl-Arti, x-Xjenza u t-Teoloġija. Għalkemm l-għażla għas-saċerdot ma kinetx minn dejjem, huwa kien attiv ħafna fl-attivitajiet reliġjużi. Kien involut sew fil-MUSEUM, fejn kellu sehem attiv ħafna. Kif iddeskriva huwa stess, il-kilba għar-reliġjon tant kienet kbira li l-eżami tar-reliġjon ġabu eċċellenti. Kienet il-familja tiegħu li rawmitu fi spirtu ta' talb u mħabba lejn Alla u l-proxxmu.

Id-deċiżjoni sabiex jidħol qassis ma kinetx faċli, iżda llum, sittin sena wara, huwa jħoss li din id-deċiżjoni kienet waħda feliċi. Mons. Innoċenz Borg beda l-kors tat-Teoloġija, u fl-1946 ordna saċerdot. Il-mixja tiegħu sabiex jilħaq qassis kienet ukoll affettwata minħabba l-gwerra peress li l-familja ta' Dun Innoċenz Borg kellhom imorru jgħixu r-Rabat għand iz-zija sabiex jevitaw l-attakki kontinwi tal-għadu fuq Ħal Luqa. Fl-1945, wara li spiċċat il-gwerra, il-familja Borg reġgħet ġiet lura f'Ħal Luqa.

L-ewwel quddiesa ta' Mons. Borg saret f'Ħal Luqa, eżattament fuq l-

għal paġna 12

**Quddiesa ta' Radd il-Ħajr**
**fl-Okkażjoni tas-60 sena mis-Saċerdozju ta'**
**Mons. Innoċenz Borg**
**1946 - 2006**
**Il-Ħadd 9 ta' Lulju 2006, fl-10.30a.m.**
**Kulħadd Mistieden**

**Bon Chocolat**
CONFECTIONERY
*Wine & Spirits*
*We accept orders for All Occassions*
*1, Dun Pawl Street, Luqa*
*Tel: 21809107,*
*Mob: 9946 9263*
Fresh/Dried Cakes
Frozen Food
Daily Fresh Bread
Hot Snacks

**Pisani Auto Parts & Auto Dealer**
*29 - 34, Valletta Road, Luqa*
**Insurance Sub-agents**
Tel: 21891172
Fax: 21231710
Mob: 99284003
e-mail: wp@onvol.net

# Ad Multos Annos - Mons. Borg

minn paġna 11

artal ta' Santa Marija peress li l-knisja kellha partijiet minnha mwaqqgħa bil-gwerra. L-ewwel sena bħala saċerdot għamilha f'Ħal Luqa stess. Fl-1947, huwa beda jgħallem fis-Seminarju ta' l-Arċisqof. Kien il-Kappillan Debono li ħajjar lil Mons. Borg sabiex japplika għal kappillan. Fil-fatt, fl-1952 inħatar kappillan tal-parroċċa ta' Santa Marija, Ħal Għaxaq. Sentejn wara, huwa ġie maħtur bħala Kappillan tal-Parroċċa tas-Salvatur, Ħal Lija.

Fl-1956, Mons. Innoċenz Borg ġie maħtur bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Sant' Andrija Appostlu, Ħal Luqa. Ma kinetx ħaġa faċli li jieħu din ir-responsabilità. L-ewwel prijorità ta' Mons. Borg kienet dik li jsolvi l-pika żejda bejn iż-żewġ każini tal-Banda. Fil-kariga tiegħu bħala Kappillan, kellu jieħu deċiżjonijiet diffiċli u b'sagrifiċċju kbir. Wara erba' snin ta' negozjati u b'rieda tajba mill-partijiet konċernati, intlaħaq ftehim għall-ġid tar-raħal kollu.

Mons. Borg żgur li ser jibqa' mfakkar għax-xogħol tiegħu fil-knisja parrokkjali. Meta laħaq Kappillan, il-knisja kienet biss ġebel u saqaf minħabba li kienet għadha qed tinbena mill-ġdid. Tul il-parrokat tal-Kappillan Borg, sar il-paviment ta' l-irħam tal-knisja, inbnew l-artali tar-Rużarju u dak ta' l-Agunija, u żżanżnu diversi opri ġodda fosthom il-pulptu, il-linef, u diversi oħrajn. Billi Mons. Borg kien jagħti importanza kbira lil-liturġija fil-knijsa. Fl-1965 kien waqqaf il-Chorus Excelsior u aktar tard kien ħa ħsieb li jsir orgni ġdid għall-knisja, li gie jiswa madwar Lm3,000. Dan instema' għall-ewwel darba fil-festa ta' Sant' Andrija ta' l-1967.

Sar ukoll xogħol ta' restawr fuq diversi opri artistiċi fosthom il-kwadri ta' San Mikiel, ta' San Duminku u dak tan-Nativitа̀. F'dawk iż-żminijiet il-ġbir mill-knisja kien zgħir ħafna. Biżżejjed insemmu li biex inġabru l-flus kollha għall-orgni, kienet tinġabar 2c5 minn kull familja fil-ġimgħa.

Ta' min jirrimarka li Mons. Borg kompla fuq l-inizjattiva tal-Kappillan Debono sabiex jitkompla



Mons. Innoċenz Borg flimkien mal-Kunsilliera Lokali fl-okkażjoni ta' l-għoti ta' l-unur Ġieħ Ħal Luqa

il-bini taċ-Ċentru Parrokkjali. Din l-opra għadha sservi bħala post ta' tagħlim nisrani, tixrid tal-kultura u divertiment san għaż-żgħażagħ tal-parroċċa u għaqdiet oħra.

Fil-parroċċa ta' Ħal Luqa, Mons Borg dam 24 sena bħala Kappillan. Huwa għamel dak kollu possibbli mill-aħjar li seta' sabiex jara l-parroċċa timxi 'l quddiem kemm fl-aspett reliġjuż kif ukoll soċjali. Fl-1980, huwa kellu jħalli t-tmexxija tal-parroċċa peress li ġie maħtur bħala Monsinjur Onorarju tal-Katidral ta' l-Imdina fejn iktar tard sar Monsinjur Effettiv. Huwa ġie mogħti r-responsabbiltà ta' l-Uffiċju taż-Żwiġijiet fil-Kurja ta' l-Arċisqof.

Għal żmien twil Mons. Borg ingħata l-inkarigu bħala amministratur tal-Kapitlu Katidrali, u għal snin huwa okkupa l-kariga ta' Kanċillier.

Appell min-naħa ta' Mons. Innoċenz Borg lil Ħalluqin huwa "li l-Kappillan, ikun min ikun, mingħajr il-kooperazzjoni ta' kulħadd ma jista' jagħmel xejn. Iżda dan mhux kollox. Hemm bżonn illi l-Kappillan ikun miftiehem aktar minn kulħadd, u l-poplu jkun kapaċi jaħdem flimkien sabiex iżomm il-parroċċa ħajja u attiva f'kull sens."

F'isem il-Kappillan, il-Kleru, u l-poplu kollu ta' Ħal Luqa, nawgura lill-Mons. Innoċenz Borg ...

**AD MULTUS ANNOS**




Reuben's Photography
For All Your Special Occassions
Developing of Your Films & Digital Printing
6, Trq Sebastiano Saliba, Luqa
Tel: 21806281
Mobile: 9986 9872